4 ta' Mejju, 1956

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;***
**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.**
**Chev. Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.**

George Cardona pr. et ne. *versus* Alfred Sultana

**Danni — Kompetenza — Obligazzjoni — Delitt u Kważi-Delitt — Art. 641 tal-Kap. 17**

*L-azzjonijiet tal-impjegat kontra l-prinċipal, kif ukoll dawk tal-prinċipal kontra l-impjegati tiegħu, jew subalterni, jekk il-kawża tkun relattiva għal operazzjonijiet magħmula fil-kors ordinarju tal-kummerċ prinċipali, jidħlu fil-kompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ, avvolja l-konvenut ma jkunx kummerċjant.*

*Għaldaqstant fil-każ ta' attur li għandu garage u jispekula fuqu bil-kiri abitwali tal-karrozzi u fuq l-impjeg tas-subalterni tiegħu, fosthom id-drivers, li jfittex driver għad-danni li dan ikkaġunalu fil-karrozzi tiegħu meta kien impjegat miegħu, il-Qorti kompetenti hija l-Qorti tal-Kummerċ.*

*Obligazzjoni naxxenti minn delitt jew kważi-delitt tassumi karattru kummerċjali meta tkun kollegata mal-kummerċ.*

Il-Qorti—Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biħ l-attur fil-kwalitajiet tiegħu fuq imsemmija, wara li jippremetti illi l-konvenut kien impjegat bħala driver miegħu, u fil-kors ta' dan l-impjeg huwa ħabat u kkaġuna ħsara fi tliet karrozzi tiegħu; u illi l-ħsara li għamel il-konvenut kienet darba fuq il-karrozza 14489 tal-marka "Consul", darb'oħra fuq il-karrozza numru 10106 tal-marka "Vauxhall", u t-tielet darba

fuq il-karrozza numru 5724 tal-marka "Dodge"; u illi huwa nterpella lill-konvenut biex iħallas il-ħsara minnu kaġunata, iżda dan irrifjuta li jħallas; talab illi, premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni, (1) jiġi l-konvenut dikjarat responsabbli għad-danni kaġunati fil-karrozzi tiegħu fuq indikati; (2) tiġi likwidata l-ħsara kaġunata mill-konvenut fuq il-karrozzi tiegħu fuq indikati; (3) jiġi l-konvenut kundannat iħallsu dik is-somma li tiġi likwidata bħala danni. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, li ġie mħarrek għas-subizzjoni;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha jeċċepixxi, preliminarment, illi l-Qorti Ċivili mhix kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' dina l-kawża, billi l-konvenut fiż-żmien tal-ħsara pretiża kien impjegat mal-attur, li hu kummerċjant, u għalhekk il-Qorti kompetenti, skond l-art. 641 (a) tal-Kodiċi tal-Kummerċ, hi l-Qorti tal-Kummerċ; illi, subordinatament, huwa ma huwiex responsabbli tad-danni reklamati mill-attur, billi huwa dejjem kien ħa l-kura neċessarja, apparti l-fatt li, jekk kien hemm qatt xi ħsara, huwa kien sewwiha hu. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-29 ta' Frar 1956, li biha akkoljiet l-imsemmija eċċezzjoni, billi ddikjarat illi din il-kawża hi ta' kompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ, u mhux tal-Qorti Ċivili; bl-ispejjeż tal-inċident kontra l-attur; wara li kkunsidrat, rigward l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut;

Illi ma hemmx dubju li l-attur hu kummerċjant, għaliex huwa "ex admissis" għandu garage li jispekula fuqu bil-kiri abitwali tal-"cars" u fuq l-impjeg tas-subalterni tiegħu, fosthom id-drivers (Vol. XXXIV-III-822). L-attur qiegħed jitlob minn għand il-konvenut kumpens għad-danni li huwa jippretendi li dana kkaġunalu fil-karrozzi tiegħu meta kien impjegat miegħu bħala driver, jiġifieri fil-kors ta' dak l-impjeg. Issa, il-Qorti tal-Kummerċ tiddeċidi wkoll dwar azzjonijiet kontra aġenti jew persuni oħra inkarikati minn kummerċjanti u subalterni tagħhom għall-operazzjonijiet biss magħmulin fil kors ordinarju tal-kummerċ tal-prinċipal tagħhom (art. 641 (2) Kod. Kumm., u Vol. XXXV-III-657).

Għalhekk l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenut għandha tiġi milqugħa;

Rat ir-rikors tal-attur, li bih talab li din il-Qorti tiddetermina liema hija l-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża u tiddeċidiha;

Trattat l-inċident;

Ikkunsidrat:

Il-kwistjoni odjerna għandha tkun regolata bl-art. 641 tal-Kodiċi Kummerċjali (Kap. 17 Ediz. Riv.), fl-inċiż ittra (a) tiegħu;

Din il-Qorti kellha okkażjoni tikkommenta dwar dan l-artikolu, li qabel kien l-art. 319 tal-Ordinanza XIIII tal-1857, fil-kawża "Vella vs. Naudi", 17 ta' Frar 1928 (Kollez. Vol. XXVII-I-69). Issemmiet f'dik id-deċiżjoni d-dispożizzjoni analoga tal-Kodiċi Taljan, li hi dik tal-art. 869 no. 3 ta' dak il-Kodiċi. Il-Qorti kif kostitwita, però, jidhrilha li hu forsi aktar deżiderabbli f'dan il-każ li s-soluzzjoni tal-pont lilha devolut issir indipendentement mis-sussidju tal-ġurisprudenza tal-Qrati taljani, interpretattiva tal-Kodiċi Taljan; għar-raġuni li, immedjatament wara l-artikolu 869 ta' dan il-Kodiċi, ċjoè fl-art. 870, hemm dispożizzjoni li ma taqbelx affattu ma' oħra li hemm fil-Kodiċi Proċedurali Malti. Infatti, mentri, skond l-art. 870 tal-Kodiċi Taljan, jekk l-att kummerċjali hu tali għal waħda mill-partijiet, l-azzjonijiet relattivi huma f'kull każ ta' kompetenza kummerċjali, inveċe, skond l-art. 37 (3) tal-Kodiċi Proċedurali Malti, f'każ ta' attijiet misti, jekk l-att hu kummerċjali għall-konvenut biss, allura l-kompetenza hi kummerċjali, u jekk hu kummerċjali għall-attur biss, il-kompetenza hija ċivili. Għaldaqshekk, id-dispożizzjoni tal-Kodiċi Taljan, kif jidher mill-ġurisprudenza riportata fil-"Giurisprudenza sul Codice di Commercio" ta' Navarrini u Vedani (comm. art. 869-870, u partikolarment id-deċiżjonijiet mil-paragrafu 165 il-quddiem), tista' tinfluwixxi fuq id-deċiżjoni tal-pont involut f'din il-kawża, peress li l-konvenut, sempliċi impjegat, ma hux kummerċjant, mentri l-attur, imprenditur ta' servizz ta' motor-cars, hu; u għalhekk, mentri skond il-Kodiċi Taljan il-karattru kummerċjali, anki tal-attur biss, jittraxxina l-kompetenza kummerċjali, skond il-Kodiċi Proċedurali

Malti (apparti, għal issa, id-dispożizzjoni fuq imsemmija tal-art. 641 tal-Kap. 17), jekk l-azzjoni hi kummerċjali għall-attur biss, il-kompetenza hi ċivili;

Kif ingħad, fis-sistema malti hemm din id-dispożizzjoni speċjali tal-art. 641 tal-Kap. 17, taħt l-intestatura tal-"Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Kummerċ. Sija għax din hi dispożizzjoni speċjali, sija in vista tal-art. 3 tal-Kap. 17, li jagħti prevalenza lill-liġi kummerċjali f'materja simili, il-kwistjoni tal-kompetenza għandha tiġi regolata b'dan l-artikolu. Issa, dan l-artikolu jikkontempla tant l-azzjonijiet tal-impjegati kontra l-prinċipal, kemm ukoll l-azzjonijiet tal-prinċipal kontra l-impjegati tiegħu (subalterni); u, purkè l-kawża tkun relattiva għal operazzjonijiet magħmulin fil-kors ordinarju tal-kummerċ tal-prinċipal, il-kompetenza hi kummerċjali, avvolja l-konvenut mhux kummerċjant;

Issa, f'dan il-każ, l-attur qiegħed ifittex lill-konvenut għad-danni minnu pretiżi kaġunati f'karrozzi tal-attur, u kwindi dik il-kondizzjoni kompetenzjali tal-art. 641 hi soddisfatta, għax si tratta ta' fatt li jidħol fil-kummerċ tal-prinċipal. Il-liġi tgħid, fit-test ingliż, "transactions"; fit-test malti "operazzjonijiet"; fit-test taljan, "fatti del traffico". Iżda ma hemm ebda dubju li dawn il-kliem fis-sistema tagħna għandhom jiġu riferiti anki għall-ħsara akwiljana; għax hu prinċipju paċifiku li obligazzjoni naxxenti minn delitt jew kważi delitt tassumi karattru kummerċjali meta tkun kollegata mal-kummerċ (ara Kollez. Vol. XX-I-305, u XXXIII-I-639);

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tiddikjara illi l-Qorti kompetenti hi l-Qorti tal-Kummerċ, u tordna li l-atti jiet jiġu rimessi lil dik il-Qorti;

L-ispejjeż jitħallsu mill-attur.